MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 5/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Charmaine Cachia**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Charmaine Cachia, bint Carmelo u Elizabeth nee Sciberras, detentrici tal-karta ta' l-identita` nru 404671M, talli fid-29 ta' Dicembru 2007 ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija, gewwa r-residenza matrimonjali cioe` 10, "Charmar", Triq Gori Mancini, B'Kara hebbet ghal zewgha Mario u kkagunatlu feriti [recte: offizi] hfief fuq il-persuna tieghu hekk kif iccertifikat minn Dr Robert Patiniott MD tac-Centru tas-Sahha tal-Furjana;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Jannar 2009 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Charmaine Cachia hatja skond l-imputazzjoni

kif dedotta kontra taghha u lliberatha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur fit-termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell tal-imsemmija Charmaine Cachia, minnha presentat fid-19 ta’ Jannar 2009, li permezz tieghu hija talbet ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-29 ta’ Mejju 2009; rat id-digriet taghha tad-29 ta’ Mejju 2009 li permezz tieghu rrespingiet il-pregudizzjali tan-nullita` tar-rikors tal-appell (pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali abbazi tal-Artikolu 419(1)(a) tal-Kap. 9); ikkunsidrat:

**5.** L-appellanti ghandha erba’ aggravji li, in succint, huma dawn: (1) li hemm dubju dwar jekk kienitx verament l-appellanti li kkagunat il-griehi hfief f’wicc Mario Cachia; (2) li l-incident ma sehhx skond kif hemm fl-imputazzjoni se mai xi saghtejn qabel; (3) li t-tezi ta’ Mario Cachia u x-xiehda ossia deposizzjoni tieghu ma humiex kredibbli; u (4) li l-appellanti jisimha “Charmaine” mentri l-akkuza harget fuq l-isem “Charmain (Carmen) Cachia”.

**6.** Din il-Qorti tibda biex tghid li l-unici provi f’din il-kawza huma d-deposizzjonijiet tal-appellanti u ta’ zewgha, l-affidavit ta’ P.S. 302 Elton Taliana u l-affidavit u c-certifikat mediku tat-Tabib Dott. Robert Patiniott.

**7.** Skond l-appellant huwa gie aggredit minn martu li kkagunatlu offizi ta’ natura hafifa fuq wiccu. Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel qorti kienet korretta meta waslet ghall-konkluzjoni ta’ htija skond l-imputazzjoni kif dedotta. Huwa minnu li l-incident x’aktarx gara mhux fis-sitta ta’ wara nofs in-nhar imma fl-erbgha ta’ wara nofs in-nhar; pero` peress li dan jirrizulta li kien l-uniku incident bejn il-konjugi Cachia fejn ir-ragel sofra xi griehi dik il-gurnata, din il-varjazzjoni fil-hin kif indikata fl-imputazzjoni hija insinjifikanti, u certament ma setghet b’ebda mod tippregudika lill-appellanti fid-difiza taghha. Kwantu ghal isem l-appellanti, ghandu jinghad li quddiem

l-ewwel qorti hija wiegbet ghac-citazzjoni fejn hija kienet indikata bhala “Charmain (Carmen) Cachia”. B’hekk il-funzjoni tat-tahrika jew citazzjoni – u cioe` li l-persuna mharrka tidher quddiem il-qorti biex twiegeb ghall-imputazzjonijiet maghmula kontra taghha – giet ezawrita. Ghandu jinghad li s-sentenza ufficjali – fol. 16 sa 18 – tindika isem l-imputata, illum appellanti, bhala “Charmaine Cachia”, u ma jista’ jkun hemm ebda dubju dwar l-identita` tal-persuna misjuba hati mill-ewwel qorti u ta’ min qed jappella quddiem din il-Qorti. Dana l-aggravju jirrazenta l-fieragh.

**8.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-periodu ta’ tlett xhur ghall-finijiet tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------